MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 452/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Abraham Zammit)**
**Vs**
**Paul Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. Nhar is-6 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tal-4.00pm, fi Triq Hal-Luqa, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, darab jew sawwat lil Nicholas Spiteri mill-Gharghur u kkagunalu feriti ta' natura gravi, ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b), skond kif iccertifika Dr J Agius MD mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;

2. U aktar talli fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'

haddiehor f'periklu car, darab jew sawwat lil Ruth Sammut minn Paola u kkagunalha feriti ta' natura hafifa, ai terimini ta' l-Artikolu 221(1) skond kif iccertifika Dr D Aquilina MD ta' l-Isptar San Luqa;

3. U aktar tali fl-istess data, hin, u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat, glied jew b'mod iehor;

4. U kif ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 216 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin, u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Debattista [detentur tal-karta tal-identita' numru 104563M] minnu pprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha in vista tad-difetti legali fis-sentenza, joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjaraha nulla w bla effett u sabiex l-appellant ma jkunx ipprivat mid-*doppio esame* li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-Ewwel Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza mill-gdid, jew joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie dikjarat mhux hati u tirrevokaha in kwantu l-parti fejn l-appellant gie misjub hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija jew joghgoba tvarja w tikkodifika s-sentenza billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ma giex misjub hati fil-konfront tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni w tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati a tenur tal-artikoli 216 u 339, (f'kaz li jigi dikjarat li dawn huma tal-Kodici Kriminali u mhux tal-Kap. 98 tal-Ligijiet ta' Malta) u minflok issibu hati jew a tenur tal-artikolu 233(1)(a) tal-Kodici Kriminali jew a tenur tal-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, u ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali f'kull eventwalita' kif ukoll illi tikkonferma l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali f'kull eventwalita' ta'

sejbien ta’ htija a tenur jew ta’ l-artikolu 233(1)(a) tal-Kodici Kriminali jew a tenur tal-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali jew alternattivament u subordinatament, joghgobha tikkonferma s-sentenza fl-intier taghha w tvarja s-sentenza billi l-piena nflitta tkun piena skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

(1) Il-validita’ tas-sentenza skont l-artikolu 382 tal-Kap 9 li, skont l-appellant, tiċċita l-artikoli 216 u 339 tal-Kap 98 (ara fol 127) meta dan il-kapitolu huwa intitolat ‘L-Ordinanza dwar il-Għoli tal-Prezzijiet bla Raġuni’. Oltre dan ħtija a tenur tal-artikolu 339 ma tissussistix. Dan jikkontempla ħmistax-il kontravenzjoni differenti waqt li l-appellant kien akkużat bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 biss.

(2) Dak li qal Nicholas Spiteri dwar il-flixkun huwa detto del detto. Dan għandu jitqies bħala hearsay evidence. Għalhekk is-sejbien t’ ħtija huwa ‘unsafe and unsatisfactory’.

(3) L-artikolu 216 tal-Kap 9 fih varji opzjonijiet u l-Prosekuzzjoni trid tipprova xi waħda minnhom. Il-provi ma jurux li l-Qorti rriskontrat xi forma ta’ sfreġju fuq il-persuna ta’ Spiteri. Analiżi tax-xhieda ta’ Spiteri ma twassalx li huwa ġarrab xi ħsara fuq il-persuna tiegħu skont is-subinċiżi tal-artikolu 216. Għalhekk l-appellant instab ħati ħażin fuq din l-imputazzjoni.

(4) Leġittima Difeża. L-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tpoġġi lilha nnifisha fil-vesti tal-esponenti hekk kif seħħ l-inċident, iżda hija l-Ewwel Qorti stess li tasal taqbel lid an il-każ huwa ta’ eċċess ta’ leġittima difeża. F’dan il-każ jissussisti l-artikolu 233(1)(a) tal-Kap 9 sabiex tkun

stabbilita l-piena li għalhekk m’għandhiex tammonta għal aktar minn sena pirġunerija.

(5) Offiża Involontarja. Jekk il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni, allura l-massimu tal-piena huwa ta’ sitt xhur priġunerija jew multa.

(6) Ma kinitx applikata l-piena pattwita.

Ikkonsidrat.

Skont is-sentenza li l-Qorti għandha quddiemha fil-proċess mogħtija fid-19 ta’ Ottubru 2010 (fol 118 et) fl-ismijiet ‘Il-Pulizija kontra Paul Debattista’, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:

‘Żewġha li ġia kellna indikazzjoni li anke kisser flixkun, jekk mar jiddefendi lil marut, u dan il-Qorti tgħidu b’jekk kbira, ċertament mar oltre l-livell ta’ difiża aċċettabbli, għax spiċċa weġġa’ b’mod gravi lil Spiteri u ħafif lil Sammut billi mar ixejjer bil-ponn. Ma taqbilx il-Qorti ma’ dak li trattat id-difiża li donnu Spiteri ntlaqat b’mid involontarju. Ma hemm xejn involontarju f’azzjoni ta’ bneidem illi jaqsam ġo erbgħa min-nies u xejjer bil-ponn lejhom. L-azzjoni hija waħda volontarja bi ħsieb speċifiku li jagħmel ħsara lil min ġie milqut. Taqbel pero’ dwar ir-rinunzja ta’ Ruth Sammut.

Għaldaqstant qegħda ssib ħtija dwar l-artikoli 216 u 339 tal-**Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta’ Malta.’

**L-artikolu 382 tal-Kap 9**

Skont l-artikolu 382 tal-Kap 9, meta l-Qorti tagħti s-sentenza kontra l-akkużat, il-Qorti għandha tgħid il-fatti li tagħhom l-akkużat intab ħati, tagħti l-piena, u għandha tikkwota l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ xi Liġi oħra li joħloq ir-reat.

**L-allegata nullita’ tas-sentenza**

Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti li s-sentenza hija nulla għaliex
(a) ikkwotat in-Numru tal-Kap ħażin;
(b) għax instab ħati taħt l-artikolu 339 tal-Kap 9 li jikkontempla ħmistax-il-kontravenzjoni differenti waqt li l-akkużat kellu jinstab ħati taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 (it-tielet imputazzjoni dwar ksur tal-paċi pubblika).

Ikkonsidrat

Illi skont il-Kopja tas-sentenza li għandha l-Qorti fil-proċess a fol 122, il-Kap indikat huwa id-9 wieħed u mhux it-98 Kap kif jikkontendi l-appellant. Għalhekk l-appellant **m'għandux raġun** dwar din il-parti tal-ewwel aggravju tiegħu.

Iżda l-appellant **għandu raġun** dwar it-tieni parti – jiġifieri fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti rreferiet għall-artikolu 339 – minħabba li l-kontravenzjoni allegata fit-tielet imputazzjoni- tirreferi għall-artikolu 338(dd) tal-kap 9 u mhux għall-artikolu 339.
**Oltre dan, is-sentenza**

**(i) hija silenzjuża dwar l-addebitu tar-reċidiva li dwaru, waqt it-trattazzjoni, id-difiża kienet issottomettiet li ma kienet ippreżentata ebda sentenza matul il-proċeduri;**

**u**

**(ii) ma tagħżilx taħt liema subinċiż tal-artikolu 216 l-appellant instab ħati.**

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, in visto tal-artikolu 382 tal-Kap 9, il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 t'Ottubru, 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Abraham Zammit) kontra Paul Debattista' u qed tiddikjarha nulla u bla effett u qed tibgħat il-proċess lill-Ewwel Onorabbli

Qorti sabiex din tgħaddi mill-ġdid għas-sentenza u b'hekk l-appellant ma jkunx ipprivat mid-doppio esame.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------